**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 21 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 8**

**Avviz Nru: 1802/01 AE**

**SMS Insurance Agency Ltd bhala rapprezentanti tas-socjeta estera Ecclesiastical Insruance Office plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Adrian Mallia**

**vs**

**Mary Grace Spiteri u b'digriet tas-7 ta' Marzu 2002, it-Tribunal ordna li jissejjah fil-kawza Jason Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltija u

tmienja u sebghin centezmu (Lm872.78), hlas ta' danni komplessivi b'rizultat ta' incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' Frar 2001 gewwa l-Mosta meta waqt li l-konvenuta kienet qeghda ssuq vettura bin-numru FAZ 073 habtet mal-vettura DAQ 906 propjeta ta' Adrian Mallia, ghal liema incident il-konvenuta hija unikament responsabbli.

Ra r-risposta tal-konvenuta li permezz taghha kkontestat ir-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Ra d-digriet tat-Tribunal tas-7 ta' Marzu 2002 u li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza Jason Azzopardi.

Ra r-risposta li giet prezentata minn Jason Azzopardi u li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda li tressqu mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:

1. Fid-9 ta' Frar 2001 sehh incident tat-traffiku gewwa Triq l-Indipendenza, Mosta bejn il-vettura tal-marka Hyundai Excel

bin-numru FAZ 073 (misjuqa mill-konvenuta) u l-vettura Alfa Romeo bin-numru DAQ 906 (misjuqa minn Adrian Mallia).

2. Mill-provi li tressqu jirrizulta bl-iktar mod cjar li l-incident sehh fil-karreggjata minn fejn kienet ghaddejja l-vettura misjuqa minn Adrian Mallia.

3. Il-konvenuta qegha tatribwixxi l-htija ghall-incident ghas-sewqan ta' l-imsejjah fil-kawza li skond hi qabad u hareg minn gewwa t-triq sekondarja fejn hemm indikat sinjal *Stop* fuq l-iskizz (fol. 18).

4. Min-naha tieghu l-imsejjah fil-kawza xehed li fil-hin meta sehh l-incident kien ghadu jistenna biex johrog minn gewwa t-triq sekondarja (fol. 65). Verzjoni li hija korroborata mill-gharusa tieghu (fol. 62).

5. Adrian Mallia baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri. Fl-okkorrenza (fol. 39) nsibu l-verzjoni tal-fatti moghtija minnu lill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz. Fiha jinghad:

*"Jien kont ghaddej f'direzzjoni lejn ir-Rabat. F'mument minnhom rajt vettura qed tisporga l-barra minn naha tal-lemin tieghi (minn fuq l-istop sign), inbghad karrozza ohra (FAZ 073) li kienet gejja minn faccata tieghi, inhasdet b'dik il-manuvra u daret ghal go fija".*

Verzjoni li tikkorabora dik moghtija mill-konvenuta fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2002 u l-passiggiera riekba fl-istess vettura (Maryanne Spiteri)

L-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz xehed fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2002 u kkonferma li dak li jinghad fl-okkorrenza hija l-verzjoni moghtija lilu mill-kontendenti dakinhar li sehh l-incident. Ghalkemm Adrian Mallia ma xehedx f'dawn il-proceduri, ma jfissirx li l-verzjoni tieghu m'ghandhiex titqies. It-Tribunal m'huwiex marbut *"bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xiehda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xiehda li jkollu quddiemu tkun bizzejjed veritiera li biha jista' jasal biex jaqta' l-kaz li jkun qed jittratta"* (Artikolu 9[2][b] tal-Kap. 380).

6. Wara li t-Tribunal qies il-provi kollha, jemmen li l-verzjoni moghtija mill-konvenuta hija iktar verosimili minn dik moghtija mill-imsejjah fil-kawza. Il-verzjoni moghtija minn

Adrian Mallia (persuna li hija indipendenti mis-sewwieqa l-ohra) hija determinanti u tissoda l-konvinciment tat-Tribunal favur it-tezi tal-konvenuta. Il-kawza prossima ta' l-incident kienet il-manuvra azzardata li ghamel l-imsejjah fil-kawza billi sporga fuq triq principali meta kien hemm vetturi ohra ghaddejjin. It-tul li seta' jara l-imsejjah fil-kawza kien tali li ma jistax ikun li l-karrozza misjuqa mill-konvenuta ma kinitx tidher. Jekk il-vettura misjuqa mill-imsejjah fil-kawza dahlitx kollha jew kwazi kollha fit-triq principali, hu rrilevanti billi l-manuvra tieghu kienet il-kawza prossima ta' l-incident meta holoq emergenza subitaneja lill-konvenuta.

Huwa maghruf li, *"ghalkemm driver ghandu dejjem joqghod attent sia jekk ikun fuq it-triq id-dritta kemm ukoll jekk ikun sejjer jidhol fiha, huwa principju affermat f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Inglizi illi driver li sejjer jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra, ghandu obbligu aktar minn dak id-driver fuq it-triq id-dritta, ghas-semplici raguni illi huwa ikun sejjer jaqsam l-istream of traffic li jkun hemm fuq it-triq id-dritta, mentri d-driver fuq it-triq dritta la darba ser ikompli ghad-dritt ma jkun sejjer ifixkel lil hadd"* (Qorti ta' l-Appell Kriminal – **Pulizija vs G. Galdes** – Vol. XXXVII.1108).

Fic-cirkostanzi, huwa l-imsejjah fil-kawza li ghandu jassumi r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza. Il-fatt li l-

vettura tieghu ma gietx f'kuntatt mal-vetturi l-ohra ma jfissirx b'daqshekk li jkun ezonerat minn kull responsabbilta (ara f'dan ir-rigward **Godfrey Gauci Grech vs Emanuel Zahra** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (FGC) fit-18 ta' Novembru 1992).

7. Id-danni reklamati gew sodisfacentement ippruvati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jiddikjara lill-imsejjah fil-kawza Jason Azzopardi responsabbli ghall-incident tat-traffiku li sehh fid-19 ta' Frar 2001 gewwa Triq l-Indipendenza, Mosta u jikkundannah ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tmien mija u tnejn u sebghin lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm872.78), bl-imghax min-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma kollha ghak-karigu ta' l-imsejjah fil-kawza.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**